



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Strasburgu, 13 ta' Settembru 2017
(OR. en)**

**2016/0186 (COD)
LEX 1754**

**PE-CONS 25/1/17
REV 1**

**CULT 69
AELE 49
EEE 27
CODEC 867**

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
LI TEMENDA D-DEĊIŻJONI NRU 445/2014/UE LI TISTABILIXXI AZZJONI TAL-UNJONI
GĦALL-KAPITALI EWROPEJ TAL-KULTURA GĦAS-SNIN 2020 SAL-2033**

Deċiżjoni (UE) 2017/...
tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

tat-13 ta' Settembru 2017

**li temenda d-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni
għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 167 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja¹,

¹ Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2017 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2017.

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ għandha l-għan li ttiproteġi u ttipromwovi r-rikkezza u d-diversità tal-kulturi li jeżistu fl-Ewropa u li tenfasizza l-karatteristiċi komuni ta' bejniethom filwaqt li tħeġġeġ is-sens taċ-ċittadini li jħossu li jiffurmaw parti minn żona kulturali komuni, b'mod li tinkoraġġixxi l-fehim reċiproku u d-djalogu interkulturali, u li ġġib fuq quddiem il-wirt kulturali komuni. Dik id-Deċiżjoni għandha wkoll l-għan li trawwem il-kontribut tal-kultura għall-iżvilupp fit-tal-bliet, li jista' jinvolvi ż-żoni ta' madwarhom, skont l-istrateġiji u l-prijoritajiet rispettivi tagħhom, bl-għan li jiġi appoġġat it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.
- (2) Il-Kapitali Ewropej tal-Kultura jagħtu kontribut kruċjali għall-promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni.
- (3) Jenħtieġ li l-attivitajiet tan-netwerking ikomplu jiġu inkoraġġiti aktar bejn il-bliet tal-imġhoddi, tal-preżent u tal-ġejjieni detenturi tat-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura, bl-għan li jitrawmu l-iskambju tal-esperjenzi u l-prattiki tajba.
- (4) Id-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE tistipula li jkollhom aċċess għall-azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura (l-“azzjoni”) biss il-bliet tal-Istati Membri, ta' pajjiżi kandidati jew ta' pajjiżi kandidati potenzjali, jew, soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dik id-Deċiżjoni, bliet ta' pajjiż li jaderixxi mal-Unjoni.

¹ Id-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033 u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE (ĠU L 132, 3.5.2014, p. 1).

- (5) Bl-għan li jissaħħu r-rabtiet kulturali bejn il-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma partijiet għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹ (“il-pajjiżi tal-EFTA/ŻEE”) u l-Unjoni, jenħtieġ li l-azzjoni tkun miftuħa wkoll, soġġett għal kondizzjonijiet, għall-bliet ta’ dawk il-pajjiżi f’konformità ma’ dak il-Ftehim.
- (6) Madankollu, matul il-perjodu kopert bid-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE, jiġifieri mill-2020 sal-2033, għal raġunijiet ta’ ekwità mal-bliet fl-Istati Membri li jipparteċipaw fl-azzjoni, jenħtieġ li l-bliet fil-pajjiżi tal-EFTA/ŻEE jkunu jistgħu jikkompetu għat-titlu f’kompetizzjoni waħda biss. Għal raġunijiet ta’ ekwità mal-Istati Membri, jenħtieġ li kull pajjiż tal-EFTA/ŻEE jkun jista’ jospita t-titolu darba biss matul dak il-perjodu, bħalma huwa l-każ għall-pajjiżi kandidati u għall-pajjiżi kandidati potenzjali.
- (7) Peress li s-sejħiet għat-tressiq tal-applikazzjonijiet jeħtieġ li jiġu ppubblikati mhux aktar tard minn sitt snin qabel is-sena tat-titlu, jenħtieġ li pajjiż kandidat, pajjiż kandidat potenzjali jew pajjiż tal-EFTA/ŻEE jospita l-Kapitali Ewropea tal-Kultura fl-2028 minflok fl-2027 biex dawk il-pajjiżi jkunu jistgħu jinnegozjaw il-parteeċipazzjoni tagħhom fil-programm tal-Unjoni li jappoġġa l-kultura li jkun sussegwenti għall-Programm Ewropa Kreattiva għall-perjodu 2021 sa 2027.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE tiġi emendata għaldaqstant,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-għadd ta' bliet detenturi tat-titlu f'sena partikolari ('is-sena tat-titlu') ma għandux ikun ta' aktar minn tlieta.

It-titlu għandu jingħata kull sena lil mhux iktar minn belt waħda f'kull wieħed miż-żewġ Stati Membri li jidhru fil-kalendarju li jinsab fl-Anness ('il-kalendarju') u, fis-snin rilevanti, lil belt waħda f'pajjiż tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huwa parti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('pajjiż tal-EFTA/ŻEE'), f'pajjiż kandidat jew f'pajjiż kandidat potenzjali, jew lil belt waħda f'pajjiż li jaderixxi mal-Unjoni fiċ-ċirkostanzi indikati fil-paragrafu 5.”;

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Il-bliet fil-pajjiżi tal-EFTA/ŻEE, fil-pajjiżi kandidati u fil-pajjiżi kandidati potenzjali li jipparteċipaw fil-Programm Ewropa Kreattiva jew fil-programmi sussegwenti tal-Unjoni li jappoġġaw il-kultura fid-data tal-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10(2), jistgħu japplikaw għat-titlu għal sena waħda fil-qafas ta' kompetizzjoni miftuħa organizzata skont il-kalendarju li jinsab fl-Anness.

Il-bliet fil-pajjiżi tal-EFTA/ŻEE, fil-pajjiżi kandidati u fil-pajjiżi kandidati potenzjali għandhom ikunu jistgħu jipparteċipaw biss f'kompetizzjoni waħda matul il-perjodu mill-2020 sal-2033.

Kull pajjiż tal-EFTA/ŻEE, pajjiż kandidat jew pajjiż kandidat potenzjali għandu jkun jista' jospita t-titlu darba biss matul il-perjodu mill-2020 sal-2033.”;

(2) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-għażla minn qabel u l-għażla f'pajjiżi tal-EFTA/ŻEE, f'pajjiżi kandidati u f'pajjiżi kandidati potenzjali”;

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli mill-organizzazzjoni tal-kompetizzjoni bejn il-bliet fil-pajjiżi tal-EFTA/ŻEE, fil-pajjiżi kandidati u fil-pajjiżi kandidati potenzjali.”;

(c) fil-paragrafu 6, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“6. Il-bord għandu jorog rapport tal-għażla dwar l-applikazzjonijiet tal-bliet kandidati fil-lista mqassra flimkien ma' rakkomandazzjoni għan-nomina ta' mhux aktar minn belt waħda f'pajjiż tal-EFTA/ŻEE, f'pajjiż kandidat jew f'pajjiż kandidat potenzjali wieħed.”;

(3) Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Fil-każ ta' pajjiżi tal-EFTA/ŻEE, ta' pajjiżi kandidati u ta' pajjiżi kandidati potenzjali, il-Kummissjoni għandha tinnomina belt waħda biex iżżomm it-titlu fis-snin rilevanti, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-rapport tal-għażla tal-bord, u għandha tavża, mhux aktar tard minn erba' snin qabel is-sena tat-titlu, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Reġjuni b'dik in-nomina.”;

(4) l-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-Istat Membru, il-pajjiż tal-EFTA/ŻEE, il-pajjiż kandidat jew il-pajjiż kandidat potenzjali kkonċernat jista' jinnomina osservatur biex jattendi dawk il-laqgħat.”;

(b) fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Il-bord għandu jibgħat ir-rapporti ta' monitoraġġ tiegħu lill-Kummissjoni, lill-bliet nominati u lill-Istati Membri tagħhom, kif ukoll lill-bliet nominati u lill-pajjiż tal-EFTA/ŻEE, lill-pajjiż kandidat jew lill-pajjiż kandidat potenzjali rilevanti.”;

(5) l-Anness huwa sostitwit bit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Strasburgu,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

KALENDARJU

2020	Il-Kroazja	L-Irlanda	
2021	Ir-Rumanija	Il-Greċja	Pajjiż kandidat jew pajjiż kandidat potenzjali
2022	Il-Litwanja	Il-Lussemburgu	
2023	L-Ungerija	Ir-Renju Unit	
2024	L-Estonja	L-Awstrija	Pajjiż tal-EFTA/ŻEE, pajjiż kandidat jew pajjiż kandidat potenzjali ¹
2025	Is-Slovenja	Il-Ġermanja	
2026	Is-Slovakkja	Il-Finlandja	
2027	Il-Latvja	Il-Portugall	
2028	Ir-Repubblika Ċeka	Franza	Pajjiż tal-EFTA/ŻEE, pajjiż kandidat jew pajjiż kandidat potenzjali
2029	Il-Polonja	L-Iżvezja	
2030	Ċipru	Il-Belġju	Pajjiż tal-EFTA/ŻEE, pajjiż kandidat jew pajjiż kandidat potenzjali
2031	Malta	Spanja	
2032	Il-Bulgarija	Id-Danimarka	
2033	In-Netherlands	L-Italja	Pajjiż tal-EFTA/ŻEE, pajjiż kandidat jew pajjiż kandidat potenzjali

¹ Dejjem jekk din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ qabel ma tkun waslet biex tiġi ppubblikata s-sejħa għall-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet tal-kompetizzjoni tal-2024, jiġifieri sitt snin qabel is-sena tat-titlu.